**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 8 ta' Jannar 2019

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 83**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 83 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
83.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
83.5 Rapporti;
83.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
83.7 Konferma tal-Bord t'Aġġudikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi 2019;
83.8 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi 2019;
83.9 Konferma tal-*Performance Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv, Assistent Prinċipal u Clerk tal-Kunsill Lokali;
83.10 Approvazzjoni tal-Polza t'Assigurazzjoni tal-Flus tal-Kunsill Lokali;
83.11 Approvazzjoni tal-*Group Health Policy Renewal 2019*;
83.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
83.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-83 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Daniela Farrugia |
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

83.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOOĠIJA**

83.1.1 L-Ambaxxatriċi Michaela Vassallo avżat li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa.

83.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

83.2.1 Il-Minuti tat-82 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

83.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 83.3, 83.4 u 83.5 jiġu diskussi wara Minuta 83.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

83.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

83.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-*survey* tal-binja issa lest u l-Perit imqabbad mill-Kunsill Lokali fuq dan il-proġett irranġa l-pjanti kollha u bejn illum u għada ser jintbagħtu lill-kumpanija Taljana Linda Redna Tekne sabiex isiru l-ponot tal-bini ħalli x-xogħol ikun jista' jitkompla.

83.6.2 Għaldaqstant nistgħu ngħidu u nittamaw li lejn l-aħħar ta' din il-ġimgħa jew fil-bidu tad-dieħla x-xogħol ikun jista' jitkompla.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 83.7 KONFERMA TAL-BORD T'AĠĠUDIKAZZJONI GĦAL ĠIEĦ IL-QRENDI 2019

83.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li ġew nominati xi persuni sabiex ikunu parti mill-Bord t'Aġġudikazzjoni.

83.7.2 Qal li dawn il-persuni aċċettaw u issa jonqos li ssir laqgħa fejn fiha ssir l-aġġudikazzjoni għall-unur ta' Ġieħ il-Qrendi 2019.

83.7.3 Spjega li sakemm ingħalqu ż-żmien tan-nomini, daħlu b'kollox erba' (4) nomini sat-Tnejn 7 ta' Jannar 2019 f'nofsinhar.

83.7.4 Is-Sindku qal li għas-serata nistgħu nitkellmu mas-Sinjura Maria Daniela Farrugia minħabba l-mużika u niċċekkjaw jekk is-Sa Kristina Critien tkunx tista' tkanta filwaqt li jkollna lil xi ħadd idoqq il-vjolin.

83.7.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-proposti tas-Sindku.

## 83.8 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2019

83.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi ser issir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

83.8.2 Qal li barra minn hekk, iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Qrendi 2019 ser tkun tikkonsisti fil-quddiesa tal-10am u ppropona li bħala Kunsill Lokali ninżlu sa ħdejn il-Monument tal-Gwerra u nqiegħdu kuruna tar-rand.

83.8.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet li jekk kemm-il darba mhuwiex ser ikun hemm qbil mis-Soċjetajiet Mużikali li jdoqqu bħala banda waħda, allura din is-sena ddoqq banda u s-sena d-dieħla ddoqq il-banda l-oħra.

83.8.4 Is-Sindku u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ma qablux li għandha tiddaħħal drawwa ġdida fl-aħħar xhur ta' din is-seba' leġiżlatura għaliex jista' jagħti l-każ li l-Kunsill Lokali elett fl-elezzjonijiet li ġejjin ikollu ideat

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

differenti u allura ma jagħmilx sens li din is-sena ddoqq banda imbagħad is-sena d-dieħla ħadd ma' jkun jaf x'ser jiġri.

83.8.5 Il-Viċi Sindku ppropona li għandna nistennew ftit oħra sakemm nirċievu r-risposta mingħand iż-żewġ Soċjetajiet Mużikali, minħabba li s'issa rċevejna risposta mingħand Soċjetà waħda biss, imbagħad nieħdu deċiżjoni finali.

83.8.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 83.9 **<u>KONFERMA TAL-*PERFORMANCE APPRAISALS* TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, ASSISTENT PRINĊIPAL U CLERK TAL-KUNSILL LOKALI</u>**

83.9.1 Is-Sindku David Schembri ressaq quddiem il-membri tal-Kunsill Lokali l-*performance appraisals* tal-Assistent Prinċipal u l-Clerk tal-Kunsill.

83.9.2 Ippropona li t-tnejn li huma għandhom jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* tagħhom, jiġifieri 6%.

83.9.3 Is-Sindku David Schembri ppropona, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

83.9.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimanent dwar din il-proposta.

*F'dan il-ħin il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ġiet sospiża għal ftit minuti sakemm is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ħalla l-kamra sabiex il-Kunsillieri jkunu jistgħu jiddiskutu l-performance appraisal tiegħu.*

83.9.5 Wara li dan ġie diskuss u l-laqgħa tkompliet, is-Sindku David Schembri ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu l-massimu tal-performance bonus, jiġifieri 10%.

83.9.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 83.10 APPROVAZZJONI TAL-POLZA T'ASSIGURAZZJONI TAL-FLUS TAL-KUNSILL LOKALI

83.10.1 Is-Sindku David Schembri ppropona li għandna napprovaw li nerġgħu nħallsu l-polza tal-assigurazzjoni tal-flus li jkollna fil-Kunsill Lokali.

83.10.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 83.11 APPROVAZZJONI TAL-*GROUP HEALTH POLICY RENEWAL 2019*

83.11.1 Is-Sindku David Schembri ppropona li għandna nerġgħu nġeddu l-*Group Health Policy 2019*.

83.11.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 83.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

83.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li għandna żewġ applikazzjonijiet quddiemna għal parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità.

83.3.1.1 Qal li talba minnhom hija għal parkeġġ fi Triq Sant'Anna filwaqt li t-talba l-oħra hija għal parkeġġ fi Triq il-Kurat Mizzi.

83.3.1.2 Spjega kif fiż-żewġ applikazzjonijiet hemm ir-rekwiżiti kollha meħtieġa u ppropona li għandna nibagħtu kollox lit-Transport Malta.

83.3.1.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

83.3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li attenda għaliha dwar min jitma' l-qtates barra fit-triq fil-lokal.

83.3.2.1 Qal li din aktar kienet laqgħa sabiex wieħed jiddiskuti l-problemi milli għax ħierġa xi miżura partikolari.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

83.3.2.2 Spjega kif l-attendenza għal din il-laqgħa kienet fqira għall-aħħar u fisser kif kull Kunsill Lokali preżenti tkellem dwar id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom.

83.3.2.3 Jidher li fix-xhur li ġejjin jista' jkun li tinħareġ xi miżura dwar min jitma' lill-qtates li jgħixu barra, biss għadna rridu nistennew sabiex naraw x'ser ikun l-eżitu ta' din il-laqgħa.

83.3.2.4 Fil-ġimgħat li ġejjin ser issir laqgħa oħra sabiex jiġu diskussi xi punti aktar fid-dettall.

83.3.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellna mal-kumpanija Faces dwar il-*bus shelters* tal-Qrendi.

83.3.3.1 Qal li tkellimna fid-dettall dwar il-*bus shelters* kollha li għandna fil-Qrendi sabiex dawn jiġu mibdula u minflok tal-ġebel isiru trasparenti u li allura wieħed ikun jista' jara minnhom.

83.3.3.2 Fil-laqgħa tkellimna dwar *bus shelters* neqsin li hemm f'Wied iż-Żurrieq, Triq il-Panorama u anke fi Triq Rokku Buhagiar, kif ukoll dwar il-*bus shelters* li hemm fi Triq Antonio Chircop u Triq it-Tempesta.

83.3.3.3 Qal li ddiskutejna jekk f'ċertu żoni huwiex possibbli li jsiru tnejn ħdejn xulxin u mhux wieħed, u dan ser ikun determinat b'kemm-il persuna taċċessa s-servizz pubbliku ta' kuljum.

83.3.3.4 Biex isiru dawn il-*bus shelters* ser jiddaħħlu l-applikazzjonijiet għand l-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll Transport Malta.

83.3.3.5 Spjega kif dawn ser ikollhom id-dawl u anke riklami magħhom, imma d-dawl ser iġibuh mill-panelli solari li ser ikunu fis-saqaf ta' dawn il-*bus shelters*, u allura dan ifisser li mhux ser immissu t-toroq fejn fihom ser ikunu installati dawn il-*bus shelters*.

83.3.3.6 Fisser kif anke bħala dell, avolja huma trasparenti, dawn ser ikollhom is-saqaf mgħotti bil-panelli solari u allura ser iservu bħala dell għal min ikun taħthom fil-ħinijiet tax-xemx.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

83.3.3.7 Żied li jista' jkun li jkollna problemi żgħar ta' loġistika, imma dawk irridu narawhom ġaladarba joħorġu l-permessi u fejn ser isiru l-modifiċi neċessarji.

83.3.3.8 Barra minn hekk, tkellimna dwar *totem kiosks* ġodda li jista' jkollna fil-konfini tal-Qrendi imma dwar dawn ser inkomplu niddiskutu fix-xhur li ġejjin.

83.3.4 Is-Sindku tkellem dwar it-tarmak tat-toroq rurali, xogħol li qiegħed isir minn Infrastruttura Malta.

83.3.4.1 Qal li fadal biss ftit jiem oħra sabiex jingħata t-tarmak fi Triq Wied iż-Żurrieq u Triq iż-Żelliqat, u għalkemm iltqajna ma' diversi problemi, jidher li b'xi mod irnexxielna naslu.

83.3.4.2 Fisser kif minħabba l-maltemp li qiegħed jagħmel, jista' jkun li forsi jittardja x-xogħol b'xi ġurnata jew tnejn u allura nittamaw li sal-aħħar tal-ġimgħa dan ix-xogħol ikun lest.

83.3.4.3 Spjega kif għalissa x-xogħol ser jasal sal-fetħa li hemm quddiem il-post tan-nar tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes, u wara li jitlesta' x-xogħol iridu jsiru t-tabelli kif wieħed jasal sa Wied iż-Żurrieq u t-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra kif ukoll fiċ-ċentru tal-Qrendi.

83.3.4.4 Qal li hemm xi talbiet ukoll għad-dawl f'dawn it-toroq, imma qed insibu reżistenza qawwija mill-awtorijtajiet sabiex nagħmlu dan id-dawl minħabba li qegħdin nitkellmu dwar żona rurali li tinsab qrib il-baħar.

83.3.4.5 Żied li hemm bżonn jitħawlu xi arbuxelli indiġeni imma d-diskussjoni dwar dawn ser issir wara li jitlesta x-xogħol tat-tarmak.

83.3.4.6 Qal li l-ħsieb tiegħu hu li jimla t-triq kollha b'siġar tal-kappar li huma siġar ideali għall-ambjent rurali u fil-kampanja bħalma huma dawn it-toroq.

83.3.4.7 Spjega kif ser issir aktar pressjoni sabiex fi Triq iż-Żelliqat jingħata t-tarmak fit-triq kollha, u anke fi Triq Wied iż-Żurrieq, fiż-żona

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

magħrufa bħala 'tal-Ħotba' ser nitkellmu dwar x'jista' jsir hemmhekk.

83.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Kabiri u qal li ġie l-Perit ta' Transport Malta u miegħu tkellimna dwar il-problemi eżistenti ta' din it-triq.

83.3.5.1 Qal li hemm problema kbira minħabba s-soll tad-djar kif ukoll minħabba l-*alignment* tat-triq u tad-djar li jidher li nbidel u ċċaqlaq matul iż-żminijiet minn persuni differenti.

83.3.5.2 Żied li għalkemm saret il-bankina, quddiemha hemm diżlivell kbir u dan qed jinkwetana ħafna, għaliex jista' jweġġa' xi ħadd avolja hemm il-barrikati quddiemu.

83.3.5.3 Fisser kif ix-xogħol mistenni jitkompla ġaladarba l-kuntrattur ilesti minn proġett ieħor kbir li qiegħed jagħmel f'żona oħra tal-pajjiż.

83.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u qal li jidher li din it-triq qiegħda tiġi kkunsidrata li tingħata t-tarmak minn Infrastruttura Malta.

83.3.6.1 Qal li l-proċess għadu verament fil-bidu tiegħu u allura jkun prużuntuż jekk jipprova jagħti xi dati meta din it-triq ser tinbeda.

83.3.7 Is-Sindku tkellem dwar l-isqaqien tal-Qrendi u qal li diġa' tkellimna mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex naraw jekk hemmx bżonn jinbidlu xi servizzi jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaħseb li jagħmel l-isqaqien.

83.3.7.1 Qal li tkellimna mal-Perit tal-Kunsill Lokali sabiex jagħtina l-estimi ta' kemm ser jiġu jiswew l-isqaqien inkwistjoni.

83.3.7.2 Qegħdin naħsbu li minflok isiru b'madum apposta u/jew bl-irħam, minflok isiru bl-*imprint* u dan ikun ifisser li l-ispejjeż fuq kull sqaq jonqsu, u allura nkunu nistgħu nagħmlu l-isqaqien kollha li għandna fi ħsiebna.

83.3.8 Is-Sindku tkellem dwar is-Sena l-Ġdida Ċiniża u qal li nhar is-Sibt li ġej ser isir spettaklu simili bħalma sar sentejn ilu fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

83.3.8.1 Qal li d-dħul ser ikun donazzjoni ta' €2 u dawn ser jingħataw liċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller li jinsab fil-Qrendi stess.

83.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-ġbir tat-tappijiet tal-plastik u qal li s-sena 2018 kienet waħda pożittiva ħafna u dan minħabba li ċ-Ċentru tar-Riżorsi Helen Keller spiċċa fit-tieni post, filwaqt li l-Iskola Primarja spiċċat fil-15-il post.

83.3.9.1 Qal li bejn iż-żewġ skejjel inġabru aktar minn 2 tunnellati u kwart ta' tappijiet tal-plastik, u dan ikompli jagħmilna kburin li komplejna nagħmlu isem lil raħalna.

83.3.10 Is-Sindku qal li fl-aħħar ġimgħat iffirmajna żewġ kuntratti dwar miżuri differenti: Miżura 4 u Miżura 4.4.

83.3.10.1 Qal li ż-żewġ miżuri huma differenti minn xulxin, waħda fuq tisbiħ ta' ħitan tas-sejjieħ u l-oħra dwar it-tisbiħ taż-żona ta' Triq Ħaġar Qim k/ma' Triq il-Panorama.

83.3.11 Is-Sindku tkellem dwar siġra mejta fiċ-Ċimiterju tal-Ars.

83.3.11.1 Qal li minflok ser naqilgħu z-zokk ta' din is-siġra, ser isir salib tal-*fibre glass* magħha u diġa' tkellem m'artist partikolari sabiex isir dan ix-xogħol.

83.3.11.2 Żied li dan is-salib mistenni jitwaħħal matul din il-ġimgħa u dan huwa sponsorjat minn "It-Torri Restaurant" ta' tas-Sliema.

## 83.4 <u>TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

83.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar siġra fi Triq it-Tempesta li qiegħda mmejjela ftit fit-triq u staqsiet jekk jistax isir xi tip ta' sapport magħha.

83.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li ser jinqatgħu l-friegħi t'isfel ta' din is-siġra, l-istess kif ser isir mill-friegħi tal-ħarruba li hemm fi Triq Rokku Buhagiar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

83.4.2 Il-Kunsilliera Sant Mifsud staqsiet jekk il-Kunsill Lokali jistax jipprovdi l-larinġ għall-anzjani ta' San Vinċenz De Paule.

83.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li dawn ser jinqatgħu mill-Ġnien tal-Kmand u fil-jiem li ġejjin ninfurmawha b'dan.

83.4.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem b'mod pożittiv dwar il-knis ta' Triq il-Parroċċa, u s-Sindku wieġeb li huwa minnu li dan il-kennies qiegħed jiknes diversi toroq u qiegħed ikollna kummenti pożittivi dwar il-kennies.

## 83.5 <u>RAPPORTI</u>

83.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Buffet Breakfast ser isir nhar l-Erbgħa 6 ta' Frar 2019 u diġa' tqassmu l-posters fil-ħwienet tal-Qrendi.

## 83.12 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

83.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €26,562.92 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/19 u €42.23 skont il-*Petty Cash* Ref V/12.

83.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

83.12.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud u l-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondaw din il-proposta.

83.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 83.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

83.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fil-5:30pm.

83.13.2 Ġie deċiż unanimament li l-Laqgħa tal-Lokalità ser issir fl-istess ġurnata u tibda fis-6:30pm.

____________________
**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

____________________
**David Schembri**
**Sindku**